

Brussell, 20 ta' Ġunju 2022  
(OR. fr)

10239/22

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2002/0005(NLE)

---

---

ESPACE 74  
TRANS 390  
EU-GNSS 26  
MAR 128  
AVIATION 118

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-Ftehim dwar il-promozzjoni, il-provvista u l-użu ta' sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita ta' Galileo u tal-GPS u applikazzjonijiet relatati konkluż bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Amerka, min-naħa l-oħra

*- Adozzjoni*

---

1. Fl-14 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni ppreżentat Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-Ftehim dwar il-promozzjoni, il-provvista u l-użu ta' sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita ta' Galileo u tal-GPS u applikazzjonijiet relatati bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Amerka, min-naħa l-oħra, għal perjodu ta' ħames snin.
2. Fil-laqgħa tagħha tal-1 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għall-estensjoni tal-Ftehim u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ispazju eżamina l-proposta. Huwa qabel dwar it-test u dwar it-talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew wara konsultazzjoni bil-miktub konklużi fil-11 ta' Frar 2022.

3. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-Ftehim<sup>1</sup>.
4. Fis-sessjoni plenarja tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2022, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' Deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-Ftehim.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill jiddeċiedi, taħt il-punti "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, li jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-Ftehim kif jinsab fid-dokument 6531/22.

---

---

<sup>1</sup> 6531/22